MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 78/2006

**Mohab Fahim ezercenti l-kummerc bl-isem id-ditta Digigraphics**

**vs**

**Media Solution Ireland Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur is-somma ta’ ghaxart elef u sebgha mija u sebghin dollari amerikani, (USD 10770), ekwivalenti ghal tlett elef tmien mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,850.00,0), rapprezentanti f’materjal ordnat u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ transazzjoni

kummercjali tramite “postal order”, li saret hawn Malta u nhareg kont finali fit-22 ta’ Frar tas-sena 2005 u li ghadu sal-lum ma thallasx;

2. Illi fl-eventwalita’ li din it-talba ma tkuns ikkontestata l-attur jitlob lil din l-Onorabbli qorti sabiex, fis-sentenza taghha, tapplika l-provedimenti tar-Regolament ta’ l-unjoni Ewropeja numru 805/2004 tal-21 ta’ April tas-sena 2004;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-attur datata t-30 ta’ Mejju tas-sena 2006 li permezz taghha ceda s-sorte involut stante pagament u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Illi in vista tal-premess filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu involut tillimita ruhha esklussivament fuq il-kap ta’ l-ispejjez;

Illi tenut kont tal-pagament tal- meritu da parte tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba ta’ l-attur fir-rigward u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Media Solutions Ireland Limited biex thallas l-ispejjez u l-imghaxijiet involuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------